MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**DOREEN CLARKE**

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2007

Numru. 427/2007

Il- Pulizija
(Spettur Mario Tonna)

-vs-

Marco Cassar
Claudio Cassar

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l- imsemmi Marco Cassar ta' 33 sena mwieled Pieta' nhar is- 27 ta' Jannar 1974 bin Joseph u Carmen nee' Camilleri residenti Nru. 10, Triq San Gaetano, Hamrun detentur ta' Karta ta' l- Identita bin-numru 88474M.

U

Claudio Cassar ta’ 21 sena mwieled Pieta nhar it- 28 ta’ Gunju 1985 bin Joseph u Carmen nee’ Camilleri residenti gewwa Numru 10, Triq San Gaetano, Hamrun detentur ta’ Karta ta’ l- Identita’ bin- numru 332285M.

Akkuzati talli fit- 12 ta’ Mejju 2007, ghall- habta tas- 7.00pm gewwa Triq il- Kbira, San Guzepp fil- Hamrun, ikkagunaw feriti ta’ natura gravi fuq il- persuna ta’ Sandro Cauchi mill- Mgarr skond kif iccertifikat Dr. Antonella Grima M.D. tal- Isptar San Luqa, u dan ai termini tal- art 214 u 216 (1)(a)(b) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, ikkagunaw griehi ta’ natura hafifa fuq il- persuna ta’ Pellikano Thomas minn Birkirkara u dan kif iccertifikat minn Dr. Cherylin Fenech M.D. tal- Isptar San Luqa u dan ai termini tal- art 221 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, hebbew ghall- Sandro Cauchi u Thomas Pellikano sabiex jingurjawhom iddejquhom jew jghamlulhom hsara u dan bi ksur tal- art 339(d) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, attakkaw jew ghamlu resistenza bi vjolenza jew b’ hebb ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuna inkarigata skond il- ligi minn servizz publiku filwaqt li kien jagixxi ghall- esekuzzjoni tal- ligi jew ta’ ordni moghtija skon il- ligi mill- awtorita’ kompetenti u cioe fuq il- persuna tal- Maggur 86 A. Lia, u dan ai terminu tal- art 92 u 96 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ingurjaw jew heddu jew ghamlu offizi fuq persuna inkarigati skond il- ligi minn servizz pubbliku li jkunu qed jghamlu jew minhabb li jkunu ghamlu dan is- servizz jew bil- hsieb li jinfluwixxu jew jbezzghu fuqu kontra l- ligi fl- esekuzzjoni ta’ dan is- servizz u cioe’ fuq il- persuni tal- Istess ufficjal tal- Pulizija imsemmija fl- akkuzi hawn fuq u dan ai terminu tal- art 92 u 95 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi volontarjament kisru l- bon ordni jew il- kwiet pubbliku b' ghajjat u glied u dan bi ksur tal- art 338 (dd) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess lok data, hin u cirkostanzi hebbew ghall- istess persuni msemmija sabiex jingurjaw jew jaghmlulhom hsara u dan ai termini tal- art 339 (d) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ma obdewx l- ordnijiet legittimi moghtija lilhom mill- Pulizija jew ma hallewx jew fixklu waqt li kienu jghamlu id- dmirijiet taghhom, jew b' xi mod bla jedd indahlu fl- istess dmirijiet billi ma hallewx lill- membri tal- Korp tal- Pulizija jaghmlu dak li b' ligi kienu ordnati li jaghmlu u billi hassru jew gabu fix- xejn dak li l- membri tal- Korp tal- Pulizija bhala awtorita' kienu ghamlu u an ai termini tal- art 338 (ee) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

U aktar talli fl- istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsistu f' dagha u dan ai termini tal- art 342 tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il- Qorti giet mitlub sabiex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas- sigurta' ta' Sandro Cauchi, Pellikano Thomas u l- familjari taghhom sabiex tinzamm il- bon ordni pubbliku flimkien mal- piena jew miflok il- piena applikabbli ghar- reati hawn fuq adebiti, torbot lill hatja b' obbligazzjoni taghhom innfushom taht penali ta' somma flus li tigi ffissata kif jidrilha xieraq l- Onorabbli Qorti u dan ai termini tal- art 383 (1)(2)(3) tal- Kap 9 tal- Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom anke wara li l-Qorti fissritilhom il- konsegwenzi ta' ammissjoni u taghthom zmien biex jahsbuha.

Rat id-dokumenti prezentati inkluz l-istqarrijiet u l-fedina penali ta'l-imputati.

Rat l-artikoli 92, 95, 96, 214, 216(1)(a), 221, 338(bb), 338(dd), 339(d), u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghat it-trattazzjoni tal-prosekuzzjoni u d-difiza dwar il-piena.

Ikkunsidrat,

Illi f'l-ewwel udjenza mizmuma minn din il-Qorti bhala Qorti Istruttorja l-imputati ammettew l-imputazzjonijiet dedotti kontra taghhom ghalhekk l-imputazzjonijiet huma sodisfacjentement pruvati.

Illi ghal dak li jirrigwarda l-piena l-Qorti tirrileva li l-piena stabbilita ghar-reati dedotti kontra l-imputati tipprevedi prigunerija pero' tenut kont ta' l-ammissjoni bikrija taghhom u l-kooperazzjoni mal-Pulizija wara l-arrest taghhom, kif ukoll l-fedina penali taghhom il-Qorti hija tal-fehma li piena karcerarja effettiva m'hiex indikata.

Illi min-naha l-ohra l-Qorti ma tistax ma tosservax li z-zewg imputati diga gew ikkundannati ghal reati simili ghal dawk odjerni u nghataw opportunita jirriformaw ruhhom permezz ta' ordni ta' *probation*. Minkejja dan l-imputati donnhom qed jippersistu f'l-agir negattiv taghhom u jbiddlu okkazzjonijiet ta' celebrazzjoni u ferh f'sitwazzjonijiet ta' tensjoni u glied.

Illi tenut kont ta' dawn ic-cirkostanzi kollha l-Qorti hija disposta tghati lill-imputati l-ahhar opportunita biex jirriformaw ruhhom u jitghallmu li certu agir huwa inaccettabbli, dan minghajr ma jiskontaw piena karcerarja effettiva pero b'impozizzjoni ta' certi kundizzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi, u wara li rat l-artikoli 92, 95, 96, 214, 216(1)(a), 221, 338(bb), 338(dd), 339(d), u 342 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputati Marco Cassar u Claudio Cassar hatja ta' l-imputazzjonijiet lilhom adebiti u tikkundannahom ghal piena ta' prigunerija ghall-perjodu ta' sena (1) liema perjodu, b'applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed jigi sospiz ghal perjodu ta' sentejn (2) snin. In oltre b'applikazzjoni ta'

artikolu 28G tal-Kap 9 il-Qorti qed tpoggi lill-hatja taht ordni ta’ supervizjoni ghal perjodu ta’ sena b’kundizzjoni li f’dan il-perjodu ta’ sena ma jattendux ghall-loghob tal-*football* fi kwalunkwe *stadium* u lanqas ghal kwalsiasi celebrazzjonijiet relatati mal-loghob tal-*football*.

In oltre b’applikazzjoni ta’l-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti qed torbot lill kull wiehed mill-hatja Marco Cassar u Claudio Cassar b’obbligazzjoni taghhom infushom taht penali ta’ hames mitt lira Maltija (Lm500) li ma jdejjqux u b’ kwalunkwe mod iehor ma jimmolestawx lill Sandro Cauchi u lill Thomas Pellikano u l-membri tal-familja taghhom ghall-perjodu ta’ sena.

Il-Qorti spjegat lill-hatja fi kliem car r-responsabbilta taghhom taht l-artikolu 28B tal-Kap 9; jekk huma jikkommettu matul il-perjodu operattiv reat iehor li ghalih hemm piena ta’ prigunerija, kif ukoll ir-responsabbilta’ taghhom taht l-artikolu 28G jekk ma jikkonformawx ruhom ma’ l-ordni ta’ supervizjoni.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-*Probation* sa biex jigi assenjat ufficcjal responsabbli ghas-sorveljanza tal-hatja Marco Cassar u Claudio Cassar.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------